MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2005

Numru 140/2003

**Il-Pulizija**
**Spettur David Saliba**
**Spettur Carmelo Bartolo**
v

**STEPHEN YOUNG**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **STEPHEN YOUNG** ta' tnejn u ghoxrin sena bin Alexander u Josephine nee Callus imwieled l-Awstralja nhar t-tnejn u ghoxirn ta' Jannar 1981 u residenti 'Carnation House', Joanna Gardens, Hal Tarxien, detentur tal-karta tal-identita numru 216890M kien gie mressaq quddiemha akkuzat talli f'Malta matul dawn l-ahhar xhur u qabel Marzu 2002 b'diversi atti maghmulin wkoll jekk fi zminijiet differenti li jkunu jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li jkunu gew maghmula b'risoluzzjoni wahda;

1. fil-lejl ta' bejn s-sittax u s-sbatax ta' Jannar 2002 f'BKara kkommetta serq ta' diversi oggetti fosthom flus kontanti, starter packs tal-Vodafone, arloggi, sigaretti u tapes minn go hanut bl-isem 'Tasco Stationery' sitwat fi Triq Giovanni Papaffi, B'Kara, li l-valur taghhom jeccedi l-mitt lira maltin izda inqas minn elf lira maltin ghad-dannu ta' Maria Dolores Sultana, liema serq huwa aggravat bil-valur, bil-mezz u bil-hin;

2. talli fil-lejl ta' bejn d-dsatax u l-ghoxrin ta' Frar 2002, fil-Hamrun ikkommetta serq ta' diversi oggetti fosthom sigaretti, xorb, helu u toys u top up vouchers tal-Vodafone minn hanut bl-isem 'Antron Stationery' sitwat fi Triq il-Kbira, Hamrun li l-valur taghhom jeccedi l-mitt lira maltin izda inqas minn elf lira maltin ghad-dannu ta' Marvis Zahra liema serq huwa aggravat bil-valur, bil-mezz u bil-hin;

3. talli fit-tmienja w ghoxrin ta' Marzu 2002 matul il-gurnata fil-Marsa, bil-hsieb li jaghmel delitt, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghal esekuzzjoni ta' dan id-delitt, billi kien ser jikkommetti serq minn go garaxx bla isem, liema delitt ma kienx esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volunta tieghu.

Rat li din il-Qorti kif preseduta kient sabet lil imputat hati tal-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu w **ikkundannatu ghal piena karcerarja ta' sentejn liema perjodu kein gie sospiz ghal erbgha snin minn dakinhar ai termini tal-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Rat li oltre dan b'zieda ai termini tal-artikolu 22 tal-Kap 466 tal-Ligijiet ta' Malta din il-Qorti kienet poggiet lil imputat probationer taht ordni ta' probation ghal perjodu ta' tlett snin minn dakinhar b'dan li l-imputat probationer kellu josserva is-segwenti kundizzjonijiet:**

**1. Illi matul dan il-perjodu ta' probation ta' tlett snin l-imputat probationer kellu jgib ruhu tajjeb, jghaddi hajja ta' bzulija u joqghod ghad-direttivi kollha tal-Probation Officer, inkluz kull direttivi li l-**

**Probation Officer jhoss li jkunu necessarji sabiex ma jiffrekwentax certu postijiet u/jew certi nies;**

**2. Illi l-imputat probationer kellu jibqa jzomm kuntatt kontinwu mal-istess Probation Officer skond d-direttivi li dan jaghtih minn zmien ghal zmien u partikolarment huwa kellu, jekk l-Probation Officer jkun irid hekk, jircievi zjarat tieghu fid-dar tieghu;**

**3. Illi l-imputat probationer kellu minnufih jgharraf lil Probation Officer b'kull tibdil ta' residenza u/jew xoghol tieghu;**

**4. Illi l-imputat probationer kellu jidher quddiem il-Qorti flimkien mal-istess Probation Officer kull sitt xhur fid-data w il-hin li jigu komunikati lilu mill-istess Probation Officer bl-iskop li l-Qorti jkollha rapport dwar l-andament u l-imgieba tal-istess imputat probationer.**

**Rat li din il-Qorti kienet fissret fi kliem car lil imputat probationer l-import ta' dik s-sentenza u l-konsegwenzi f'kaz li huwa jonqos li josservha.**

Rat li **nhar l-hamsa ta' Marzu 2004 l-Ufficjal tal-Probation Victora Grech kienet ippresentat denunzja** fir-Registru ta' din il-Qorti kontra l-imsemmi Stephen Young fejn infurmat lil Qorti li hu kien naqas li jzomm kuntatt mal-Ufficju u l-Ufficjali tal-Probation skond direttivi moghtija lilu u li naqas li jiehu l-passi mehtiega sabiex jigi assigurat li jzomm 'l boghod mill-vizzju tad-droga skond kif kien iggwidat mill-istess Ufficjal tal-Probation

Illi **nhar l-ghaxra ta' Mejju 2004 l-istess Ufficjal tal-Probation Victoria Grech xehdet** [fol 116] li meta l-imputat gie mibghut ghandha wara li nghatat s-sentenza fuq imsemmija, huwa kellu impjieg regolari u qalilha li fil-passat kellu problema ta' tehid ta' droga u li effettivament wkoll inghata sentenza ta' prigunerija minhabba dan il-vizzju.  Qalet li peress li dan kellu impjieg regolari u kien qed izomm l-appuntamenti taghha mieghu, ma kienx hemm problema.  Qalet li ghal habta ta' Dicembru 2003 l-

imputat probation kellu incident fuq ix-xoghol u l-imghallem tieghu iddecida li jwaqqaflu l-impjieg tieghu mieghu u dan il-fatt kellu impatt negattiv fuq l-imputat probationer.

Qalet li l-isfortuna kienet li minflok li Stephen Young iffaccja din is-sitwazzjoni ta' krizi, rega' dar ghad-droga u beda jaqta l-appuntamenti minn maghha u ghalhekk issugerietlu minnufih li jibda xi tip ta' *counselling* u fil-fatt beda juza s-servizzi tal-Caritas u gie mqieghed mal-care worker Katia u l-affarijiet bdew mexjin, pero hu rega' qata kemm l-kuntatt ma din Katia kif wkoll maghha.

Qalet li fil-frattemp kellha kuntatt mal-genituri tieghu li kienu koperattivi hafna maghha w infurmawha li Stephen Young ma kienx qed johrog, kien joqghod dejjem d-dar u l-ordni tal-probation ma kienetx qed tigi segwita. Ghalhekk hi hasset il-htiega li taghmel surprise home visit fejn veru sabitu d-dar u tkellmet mieghu fit-tul, spjegatlu l-import tal-ordni tal-probation u dakinhar Stephen Young donnu fehem x'riedet minnu hi.

Spjegat li wara dan rega' beda jzomm l-appuntamenti maghha u mal-Caritas pero wara ftit rega' qata ghal kollox. Ikkonfermat li l-Caritas infurmawha li dak kien *case closed* peress li ma setghax jkompli jfalli l-appuntamenti. Qalet li sa dakinhar kuntatt mieghu ma kienx ghad ghandha. Qalet li fil-hamsa ta' Marzu kienet ippresentata denunzja fil-konfront tieghu u spjegatlu dan u wara l-Caritas infurmawha li kien rega' qabad kuntatt maghhom u jzomm l-appuntamenti wkoll.

Nhar **s-sittax ta' Gunju 2004 regghet xehdet Victoria Grech** [fol 120] fejn qalet Stephen Young kien rega' beda jzomm kuntatt maghha u mal-Caritas u kien qed juri preparazzjoni biex jidhol jaghmel programm ghal disintossifikazjoni u qed juri progress tant li ma kienx qed jiehu droga w irrealizza li wahdu mhux kapaci jaqta l-vizzju tad-droga.

Illi nhar d-dsatax ta' Lulju 2004 **xehdet ghal darba ohra Victoria Grech** [fol 123] fejn qalet li Stephen Young kien

baqa jaghmel progress kbir fis-sens li jzomm l-appuntamenti maghha u mal-Caritas u li kien qed jinghata *family therapy* mill-Caritas. Qalet li mis-sitta w ghoxrin ta' Lulju 2004 'l quddiem huwa baqa jaghti *urine sample* tieghu b'mod regolari mal-Caritas.

Nhar **s-sitta ta' Settembru 2004 l-istess Ufficjal tal-Probation Victoria Grech [fol 126] regghet infurmat** lil Qorti li Stephen Young kien ser jibda bil-gruppi dakinhar sabiex fis-sitta ta' Ottubru jibda programm residenzjali, filwaqt li **nhar t-tnejn ta' Mejju 2005** [fol 132] infurmat lil Qorti li Stephen Young kien ilu sebgha xhur fi programm tal-Caritas ta' San Blass b'mod residenzjali u li kien qed jzomm kuntatt regolari maghha. Qalet li minn naha tal-*key workers* tieghu hi kellha rapport favorevoli dwaru fis-sens li sejjer tajjeb hafna u kien qed jahdem hafna fuqu nnifsu u kien jidher li kien tghallem l-lezjoni tant li ghamel progress kbir.

Nhar **l-erbatax ta' Gunju 2005 l-Ufficjal tal-Probation Victoria Grech regghet xehdet** fejn spjegat li l-imputat probationer kien ilu tmien xhur u nofs fil-programm residenzjali u li fil-fatt wasal li jibda l-fazi semi residenzjali. Ikkonfermat li kien ghadu qed jigu registrat progress fil-konfront tieghu u li kienet kuntenta hafna bl-isforzi li kien qed jaghmel.

Ikkunsidrat:

Illi l-**artikolu 21(2) tal-Kap 466 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi** dwar ksur ta' kondizzjonijiet f'ordni ta' probation billi jiddisponi is-segwenti:

*"Jekk jigi ppruvat ghas-sodisfazzjon tal-Qorti li min ikun taht probation ikun naqas milli jhares xi htiega ta' ordni ta' sanzjoni fil-komunita, dik il-Qorti tista minghajr pregudizzju ghat-tkomplija tas-sanzjoni, twahhal lil hati amenda … <u>jew</u> tista tittratta ma min ikun taht probation ghar-reat li dwaru tkun saret s-sanzjoni komunitarja, <u>b'kull mod kif il-Qorti tista tittratta lil hati li kieku kien ghadu kemm gie dikjarat hati minn jew quddiem dik il-Qorti ghal dak r-reat</u>."*

Issa fil-kaz in ezami, din il-Qorti kif preseduta fis-sentenza taghha tat-tnax ta' Settembru 2003 ma kienetx illimitat ruhha ghal ordni tal-probation biss izda kienet ikkundannat lill-imputat ghal piena ohra u cioe dik ta' prigunerija sospiza.

Illi ghalhekk din il-Qorti ghandha tittratta mal-hati dwar ksur tal-probation u tillimita ruhha ghal dan billi twallhu amenda.

Illi din il-Qorti dejjem ghamlet minn kollox u dak kollu li huwa possibbli sabiex tghin lil kull min deher quddiemha bhala imputat u kellu din il-problema serju hafna u f'kazijiet bhal dawn, il-Qorti dejjem tat kull opportunita sabiex vittmi ta' droga jfiequ minn dan il-vizzju, u fil-fatt minn dak li ntqal mill-Ufficjal tal-Probation, li l-imputat tghallem mill-esperjenza tieghu tant li jinsab fasi residenzjali tal-programm ghar-rihabilitazzjoni tieghu, u hu ghalhekk li din il-Qorti ser tikkundannah biss ghal amenda zghira ghal tali ksur tal-Ordni tal-Probation.

Ghalhekk f'dawn ic-cirtkostanzi, **l-Qorti**, wara li rat l-artikolu 21(2) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta, **tiddikjara li jirrizulta li l-imputat probationer STEPHEN YOUNG kiser l-Ordni tal-Probation, u ghalhekk tiddecidi li tikkundannah ghal hlas ta' amenda ta' hamsin lira maltin.**

**Tordna li ai termini tal-artikolu 14(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta din l-amenda <u>tithallas f'rasi mensili u konsekuttivi ta' ghaxar liri</u>.**

**Il-Qorti tordna li kopja ta' din s-sentenza tigi komunikata lid-Direttur tal-Caritas bil-ghan li l-istess Stephen Young jibqa fuq t-triq t-tajba.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------